# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**L-Ewwel (1) ta' April 2025**

**Rikors Numru 1001/2020FDP**

Fl-ismijiet

**Carmel Galea**

**Vs**

**Kevin Zammit u Margaret Zammit**
**u**
**Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 2 ta' Novembru 2020 li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi fil-kawża fl-ismijiet Kevin Zammit u Margaret Zammit us Carmel Galea (Rikors numru 908/06 AF) deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Lulju 2020 ġew eżebiti żewġ dokumenti mill-attur f'dik il-kawża, waħda konsistenti f'dikjarazzjoni unilaterali allegatament iffirmata mill-esponent fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija, disgħa u tmenin (1989) (hawn annessa u mmarkata bħala Dok A) u l-formola ta' reġistrazzjoni mad-Direttur ta' l-Agrikultura wkoll allegatament iffirmata mill-esponent fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elf, disa' mija, wieħed u disgħin (1991) (hawn annessa u mmarkata bħala Dok B);*

    2. *Illi b'referenza għal 'Dok A', jiġi rilevat illi, apparti l-fatt illi r-rikorrenti jissottometti illi huwa qatt ma ffirma għal dik id-dikjarazzjoni unilaterali hekk kif preżentata, din l-istess dikjarazzjoni anqas biss tirreferi għal l-art li jipposjedi hu, iżda għall-biċċa art oħra li magħha r-rikorrenti ma għandu l-ebda konessjoni;*

3. *Illi din id-darba, u dan b'referenza għal 'Dok B' jigi rilevat illi dan ġie allegatament iffirmat mir-rikorrenti u l-intimat, meta l-intimat kien diġa defunt;*

4. *Illi konsegwentement, fil-fehma tar-rikorrenti, dawn iż-żewġ Dokumenti huma nulli u għalhekk ir-rikorrenti qed jikkontesta l-validita tagħhom;*

5. *Illi dawn iż-żewġ dokumenti, jinsabu fil-pussess.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

i. *TIDDIKJARA illi l-firem fuq id-Dokumenti annessi, u allegatament iffirmata mill-esponent fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija, disgħa u tmenin (1989) (Dok A) u l-formola ta' reġistrazzioni mad-Direttur ta' l-Agrikultura wkoll allegatament iffirmata mill-esponent fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elf, disa' mija, wieħed u disgħin (1991) (Dok B) mhumiex il-firem ta' l-esponent, u*

ii. *Konsegwentement TIDDIKJARA li l-istess dokumenti allegatament iffirmata mill-esponent fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija, disgħa u tmenin (1989) (Dok A) u l-formola ta' reġistrazzjoni mad-Direttur ta' l-Agrikultura wkoll allegatament iffirmata mill-esponent fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elf, disa' mija, wieħed u disgħin (1991) (Dok B) huma nulli u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;*

*Bl-ispejjeż u l-konvenut inġunt in subizzjoni.*

2. Rat illi fit-18 ta' Marzu 2022 l-intimat Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

1. *Illi <u>primarjament</u> l-esponent jissottometti li n-nomenklatura Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd ma għadix teżisti u materja relatata mal-agrikoltura ġiet assorbita mid-Direttur tal-Agrikoltura;*

2. *Illi in linea preliminari r-rikorrent għandu jiddikjara b'mod ċar xi pretensjonijiet għandu fil-konfront tal-esponent. Illi fil-każ li l-irwol tal-esponent f'dawn il-proċeduri jmorru oltre l-iskop tal-integrita' tal-ġudizzju hu għandu jiġi lliberat mill-istess stante li l-ebda allegat azzjoni ta' terzi ma tista tiġi attribwita lejh;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom stante li huma infondanti fil-fatt u fid-dritt;*

4. *Illi għall-kull buon fini u <u>fil-mertu</u> u b'referenza lejn il-premessi tar-rikors promotur, l-esponent ma kienx parti mill-kawża Kevin Zammit et vs Carmel*

*Galea (numru 908/06A AF) deċiża nhar l-20 ta' Lulju 2020 fil-Qorti tal-Appell;*

5. *Illi għall-kull buon fini, l-ebda mid-dokumenti annessi ma huma ffirmati minn uffiċjal tad-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u b'referenza lejn Dok A dan mhuwiex dokument uffiċjali tad-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd;*

6. *Illi fi kwalunkwe każ l-esponent ma għandux ibagħti l-ispejjeż relatati ma' dawn il-proċeduri stante li jekk kien hemm ingann jew preżentata ta' dikjarazzjonijiet foloz minn terzi privati hu ma jistax jiġi attribwit b'xi tort;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti u anke fid-dawl tan-natura tal-kawża;*

*Bl-ispejjeż.*

3. Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2022 u tal-15 ta' Novembru 2023 il-Qorti ddikjarat illi l-intimat Kevin Zammit huwa kontumaċi.

4. Rat illi fis-seduta tal-25 ta' April 2023 il-Qorti osservat illi l-intimati Zammit huma kontumaċi.

5. Rat illi fl-20 ta' Novembru 2023 ġie ppreżentat rikors minn Kevin Zammit fejn talab l-purgazzjoni tal-kontumaċja u l-permess speċjali biex tiġi ppreżentata r-risposta ġuramentata. In oltre, fl-istess rikors huwa informa lill-Qorti illi l-intimata Margaret Zammit mietet qabel ma ġiet preżentata l-kawża.

6. Rat ir-risposta tad-Direttur tal-Agrikoltura ppreżentata fil-25 ta' Jannar 2024 għar-rikors ippreżentat minn Kevin Zammit.

7. Rat ir-risposta tal-attur ippreżentata fit-2 ta' Frar 2024 għar-rikors ippreżentat minn Kevin Zammit.

8. Rat illi b'digriet tal-15 ta' Frar 2024 il-Qorti laqgħet it-talba ta' Kevin Zammit u kkonċediet lilu d-dritt li jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu.

9. Rat illi fis-27 ta' Frar 2024 l-intimat Kevin Zammit, tramite Dr Philip Manduca bħala mandatarju tiegħu, laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

*Risposta ġuramentata ta' Dr. Philip Manduca (Id 339960M) kif debitament awtorizzat bħala mandatarju ta' Kevin Zammit*

*Jesponi bir-rispett u bil-ġurament jikkonferma:*

*1. Illi l-esponent huwa awtorizzat biex jikkonferma dawn l-eċċezzjonijiet għaliex Kevin Zammit huwa msiefer.*

*2. Illi l-imsemmija Margaret Zammit mietet qabel ma nfetħet din il-kawża.*

*3. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż għar-raġunijiet elenkati hawn isfel:*

a. *Din il-kawża hija tentattiv sabiex r-rikorrent Carmel Galea jevita l-konsegwenzi ta' sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell datat 20 ta' Lulju 2020 (Rikors 908/06AF) (Dok A).*

b. *Illi f'din il-kawża Carmel Galea qed jitlob li żewġ dokumenti esebiti fil-kawża fuq imsemmija jiġu dikjarati nulli u bla effett. Illi dan il-punt huwa diġa' deċiż mis-sentenza fuq imsemmija u Carmel Galea ma jistax jitħalla juża dawn il-proċeduri pendenti biex jevita l-konsegwenzi ta' sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell.*

c. *Kif jirriżulta mis-sentenza fuq imsemmija fit-tweġiba maħlufa għal kawża 908/06 AF l-istess Carmel Galea kien fit-tieni eċċezzjoni tiegħu ċaħad li ffirma dikjarazzjoni unilaterali li ġġib id-data tad-19 ta' Mejju 1989. L-eċċezzjonijiet kollha ta' Carmel Galea ġew miċħuda fis-sentenza tal-Qorti u għalhekk Carmel Galea ma jistax jigi quddiem din l-Onorabbli Qorti u jipprova b'xi mod jwaqqaf l-effetti tas-sentenza fuq imsemmija. Dan il-punt huwa diġa deċiż u huwa res judikata.*

d. *Illi fil-fatt, fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża 908/06 AF ġie dikjarat kif ġej: "Finalment ir-rikorrenti preżentaw kopja awtentikata ta' dokument li permezz tiegħu Carmel Galea ddikjara li ser jaħdem ir-raba bla titolu. Huwa ntrabat ukoll li jħallas penali ta' Lm3 kuljum jekk jonqos milli jirritorna l-propjeta' malli jiġi mitlub. Carmel Galea jiċħad li qatt iffirma dan id-dokument. Il-firma mad-daqqa t'għajn tidher identika għal dik fuq il-formola mimlija mill-istess Carmel Galea fid-Dipartiment tal-Agrikoltura. Carmel Galea qatt ma talab perizja kalligrafa fir-rigward. Inoltre Ivor Zammit, ħu r-rikorrenti, jikkonferma bil-ġurament li kien preżenti meta ġiet iffirmata d-dikjarazzjoni. Kien fil-fatt irrediġa d-dikjarazzloni huwa stess."*

e. *Illi wara din s-sentenza fl-Appell ta' Carmel Galea l-istess Carmel Galea naqas li jibbaża l-appell tiegħu fuq l-allegazzjoni li l-firma ma kienx tiegħu iżda appella fuq il-bażi li kien hemm apprezzament ħażin tal-provi meta laqgħet bis-sħiħ il-konklużjonijiet tal-perit tekniku (dwar l-identita' tal-post) u li l-ewwel Qorti kienet żbaljat meta qieset li l-appellant ma kellux jedd fuq ir-raba minkejja ż-żmien li kien ilu jaħdmu.*

f. *Għalhekk huwa ċar li din l-Onorabbli Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta' dawn it-talbiet li diġa' ġiet deċiża minn żewġ sentenzi inkluż mill-Qorti tal-Appell f'proċeduri separata.*

g. *Illi anki dwar il-formula ta' reġistrazzjoni mad-Direttur ta' l-Agrikoltura dan ukoll ġie deċiż fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq imsemmija fejn a paragrafu 29 ta' l-istess sentenza ġie dikjarat li "Filwaqt li l-appellant (Galea) jgħid li huwa kien jaħdem ir-raba daqslikieku kien is-sid tagħha, għaliex dejjem ħaseb li sidha kien Toni Zahra minn naħa l-oħra fil-1991 mad-Dipartiment tal-Biedja u Sajd għoġbu jirreġistra lilu nnifsu bħala*

*gabillot u s-sid ġie identifikat bħala John Zammit, missier l-appellat (Kevin Zammit)."*

*h. Illi jekk din l-Qorti tieħu konjizzjoni ta-talbiet tar-rikorrenti Galea ikun qed jinjora deċiżjoni li hija res judikata u jħalli lill-istess Carmel Galea jipprova jevita l-konsegwenzi ta' sentenza deċiża.*

*i. Illi l-esponent jaf dawn il-fatti personalment anki minn eżami ta' dokumenti.*

*j. Salvi eċċezzionijiet ulterjuri.*

10. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-partijiet fuq l-atti imsemmija.

11. Rat illi l-Qorti, permezz ta' digriet datat 29 ta' Mejju 2024, ordnat l-allegazzjoni tal-atti bin-numru 908/2006AF.

12. Rat illi l-attur intavola rikors fl-10 ta' Settembru 2024 fejn talab il-ħatra ta' espert kalligrafu.

13. Rat illi fl-4 ta' Ottubru 2024 u fid-9 ta' Ottubru 2024 daħlu r-risposti tad-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u tal-intimat Kevin Zammit rispettivament.

14. Rat illi l-Qorti permezz ta' digriet datat 1 ta' Novembru 2024 ċaħdet it-talba tal-attur.

**Provi**

15. Rat in-nota tal-attur ippreżentata fis-27 ta' Ottubru 2022, kontenenti kopja tal-proċess fl-ismijiet ***Kevin Zammit vs Carmel Galea*** bin-numru 908/2006AF (fol 32-283).

16. Rat l-affidavit tal-attur **Carmel Galea** ippreżentata fit-18 ta' Jannar 2023.

17. Rat illi fis-seduta tal-25 ta' April 2023 ġiet ippreżentata, seduta stante, kopja tal-karta tal-identita' tal-attur

18. Rat illi fis-seduta tal-25 ta' April 2023 ir-rikorrent ddikjara li m'għandux aktar provi x'jippreżenta.

19. Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2023 l-intimat Direttur Agrikoltura u Sajd għarraf lill-Qorti illi m'għandux provi xi jressaq.

20. Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2023 il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti bil-miktub.

21. Rat in-nota tal-attur ippreżentata fit-3 ta' Awwissu 2023 kontenenti ċ-ċertifikat tal-mewt ta' John Zammit.

22. Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2023 l-avukat difensur tal-attur tratta fil-qasir il-punti saljenti tal-każ, liema trattazzjoni ma ġietx traskritta u għarraf lill-Qorti illi jista' jistrieħ fuq il-provi li hemm.

23. Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2023 il-kawża marret għas-sottomissjonijiet bil-miktub tad-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd.

24. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mid-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd fl-24 ta' Jannar 2024.

25. Rat illi, wara illi b'digriet tal-15 ta' Frar 2024, il-Qorti akkordat id-dritt lill-intimat Kevin Zammit sabiex jippreżenta l-provi tiegħu, il-Qorti akkordat terminu sabiex l-intimat Kevin Zammit jressaq il-provi tiegħu.

26. Rat l-affidavit ta' Kevin Zammit ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2024.

27. Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2024 il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet bil-miktub tal-intimat Kevin Zammit.

28. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Kevin Zammit ippreżentata fil-15 ta' Novembru 2024.

29. Rat illi, kif awtorizzat minn dina l-Qorti, ir-rikorrent ippreżenta nota ta' sottomissjonijiet addizzjonali tal-attur fit-28 ta' Jannar 2025.

30. Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2025 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

31. Rat in-nota ippreżentata fis-26 ta' Frar 2025 mill-intimat Kevin Zammit fejn għarraf lill-Qorti illi r-rikors ta' ritrattazzjoni li r-rikorrent Carmel Galea għamel għall-kawża 324/2020AF deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Lulju 2020 ġie ċedut mill-istess rikorrent Carmel Galea fil-25 ta' Frar 2025.

**Fatti tal-Każ**

32. Jirriżulta illi l-intimat Kevin Zammit flimkien ma' ommu Margaret Zammit kienu intavolaw proċeduri kontra l-attur, liema proċeduri għandhom in-numru ta' referenza 908/2006AF fl-ismijet: *Kevin Zammit u Margaret Zammit vs Carmel Galea.*

33. Jirriżulta illi l-kawża surreferita kienet ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 2015, fejn il-Qorti laqgħet it-talbiet tal-atturi u ddikjarat illi l-konvenut Carmel Galea (stante illi f'dik il-kawża Carmel Galea kien il-konvenut) kien qiegħed jokkupa l-art mingħajr titolu legali, ordnat lill-istess Carmel Galea sabiex jiżgombra mill-art mertu tal-kawża u kkundannat lil Carmel Galea sabiex iħallas lil Kevin Zammit l-ammont ta' €412.41 (erba' mija u tnax-il Ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmi).

34. Jirriżulta illi l-attur Carmel Galea appella minn dik is-sentenza u l-appell ġie deċiż fl-20 ta' Lulju tas-sena 2020 fejn il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell ta' Carmel Galea u kkonfermat is-sentenza mogħtija fit-28 ta' Jannar 2015.

35. Jirriżulta illi sussegwentament l-attur intavola proċedura ta' ritrattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell.

36. Jirriżulta illi fil-proċeduri hawn fuq imsemmija, ossia, l-kawża numru 908/2006 ġew eżebiti żewġ dokumenti li jikkonsistu: F'dikjarazzjoni unilaterali ffirmata mill-attur fid-19 ta' Mejju tas-sena 1989 (li tinsab eżebita bħala Dok A mar-rikors promutur a fol 5 tal-proċess) u Formula ta' reġistrazzjoni mad-Direttur tal-Agrikoltura ffirmata mill-

attur fil-25 ta' Marzu 1991 (li tinsab eżebita bħala Dok B mar-rikors promutur a fol 6 tal-proċess).

37. Jirriżulta illi l-attur jiċħad illi l-firem fuq dawn iż-żewġ dokumenti huma tiegħu u jsostni illi għal dak li għandu x'jaqsam mad-dikjarazzjoni unilaterali, f'dik id-dikjarazzjoni ma tissemmiex l-art li jippossjedi hu iżda tirreferi għall-biċċa art oħra li magħha l-attur ma għandu ebda konnessjoni.

38. Jirriżulta illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-formula ta' reġistrazzjoni mad-Direttur tal-Agrikoltura, r-rikorrent isostni illi meta dan id-dokument ġie allegatament iffirmat mill-attur u minn missier il-konvenut Kevin Zammit ċertu John Zammit, John Zammit kien diġa' ġie nieqes.

39. Jirriżulta illi għalhekk l-istess attur qiegħed permezz tal-kawża odjerna jikkontesta l-validita' ta' dawn iż-żewġ dokumenti u qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li dawn iż-żewġ dokumenti huma nulli.

**Ikkunsidrat,**

**Kawża ppreżentata fil-konfront ta' Margaret Zammit**

40. Il-Qorti sejra l-ewwel u qabel kollox tirrileva illi l-attur intavola din il-kawża kontra Kevin Zammit u Margaret Zammit kif ukoll kontra d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd liema kawża ġiet istitwita fit-2 ta' Novembru 2020.

41. Illi għal dak li għandu x'jaqsam ma' Margaret Zammit, hekk kif iddikjarat mill-intimat Kevin Zammit kemm fir-rikors tiegħu tal-20 ta' Novembru 2023 fejn talab għall-purgazzjoni tal-kontumaċja, kif ukoll fir-risposta ġuramentata tiegħu, Margaret Zammit mietet qabel ma ġiet ippreżentata din il-kawża. Infatti, l-istess Kevin Zammit jippreżenta ċ-ċertifikat tal-mewt ta' Margaret Zammit.

42. Illi mill-qari tal-istess ċertifikat, Margaret Zammit ġiet nieqsa fit-**28 ta' Jannar 2017** u għalhekk qabel ma ġew intavolati dawn il-proċeduri. Infatti, ġustament, ir-risposta ġuramentata saret biss f'isem Kevin Zammit[1].

43. Għaldaqstant, hija evidenti illi l-azzjoni tal-attur ma kellha qatt tinfetaħ fil-konfront ta' Margaret Zammit.

44. Il-Qorti ser tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Kenneth Tanti vs Bridget Grixti et***[2] fejn il-Qorti tenniet is-segwenti:

> *"15.Niġu għat-tieni kwistjoni, u ċjoè dik li tirrigwarda l-fatt li l-konvenut Anthony Busuttil kien mejjet sa minn qabel ma ġiet istitwita din il-kawża. Filwaqt li l-konvenuti James u Zerafa jiffokaw l-attenzjoni tagħhom fuq il-konsegwenzi li dan il-fatt għandu jkollu fuq ir-risposta ġuramentata, il-Qorti jidhrilha li loġikament għandha tippreokkupa ruħha wkoll mill-effetti li dan l-istess fatt jista' jkollu fuq ir-rikors ġuramentat li bih inbdiet din il-kawża.*

[1] Ir-risposta ġuramentata kienet ġiet intavolata minn Dr Philip Manduca kif debitament awtorizzat bħala mandatarju ta' Kevin Zammit
[2] Deċiża in parte mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ottubru 2024- Rik.Numru: 1255/2023

*16. Saret talba fil-mori tas-smigħ tal-kawża mill-werrieta ta' Anthony Busuttil sabiex l-atti jiġu leġittimati f'isimhom, liema talba ġiet miċħuda b'digriet ieħor mogħti fl-10 ta' Mejju 2024, billi d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 806 u 810A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jirregolaw mewt jew bdil ieħor li jseħħ matul il-kawża, u mhux qabel ma l-kawża tkun saħanistra bdiet.*

*17. Fil-ġurisprudenza ġie deċiż li n-nullità hija l-konsegwenza li sseħħ fejn isir att f'isem persuna mejta (ara, per eżempju, Joseph Muscat vs. Georgina Saydon et, Prim'Awla, 30/5/2002; Carmela Farrugia et vs. JIT Trading Limited, Appell Inferjuri, 17/4/2009). Fuq kollox, l-artikolu 787(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid:*

*787.(1) Kull att ġudizzjarju li jsir minn persuna jew kontra persuna inkapaċi li toqgħod f'kawża u li ma tkunx awtorizzata regolarment għaldaqshekk, huwa null.*

*18. Issa m'hemmx dubju li persuna mejta hija inkapaċi li toqgħod f'kawża, u għalhekk hija l-liġi stess li tippreskrivi n-nullità fil-konfront ta' rikors ġuramentat li jsir kontra persuna mejta. B'danakollu, il-Qorti m'għandhiex tgħaddi biex tiddikjara dak l-att null mingħajr ma tara sewwa x'jipprovdi l-artikolu 789 tal-Kodiċi preċitat. Fl-ewwel subinċiż ta' dik id-dispożizzjoni nsibu hekk:*

*789.(1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista'tingħata –*

*(a)jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;*

*…*

*Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.*

*19. Fil-fehma ta' din il-Qorti, in-nuqqas in kwistjoni jista' u għandu jiġi sanat bl-applikazzjoni tal-artikolu 175(1) tal-Kodiċi ritwali, li jippermetti anki tibdil u sostituzzjoni fl-ismijiet tal-partijiet. Bidla li ma hija se taffettwa bl-ebda mod issostanza tal-azzjoni.*

*20. Il-Qorti tirrileva li l-korrezzjoni ma tkunx vjetata meta taffettwa l-eċċezzjonijiet b'mod indirett. Il-bidla sostanzjali fl-eċċezzjoni li hija vjetata mill-artikolu 175 hija dik il-bidla li ssir direttament fuq dawk l-eċċezzjonijiet, u mhux dik li taffettwahom b'mod indirett għax twassal biex jiġu sorvolati. Il-liġi tgħid li dik il-bidla għandha titħalla ssir «sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża», u mhux «sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jolqotx jew ma jaffettwax fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu talkawża» (enfażi u sottolinear miżjud mill-Qorti.*

*21. Fi kliem ieħor, huma vjetati bidliet sostanzjali fl-eċċezzjonijiet, u mhux bidliet li jolqtu jew jaffettwaw b'mod sostanzjali dawk l-eċċezzjonijiet. Fid-*

*deċiżjoni Nobbli Pasquale Waldemar dei Baroni Sciberras Trigona vs. George Beck ne (Appell Superjuri, 7/2/1938) intqal: «Illi ma jagħmilx differenza l-fatt li korrezzjoni ta' l-isem u tal-kwalità tal-konvenut intalbet wara li dan kien ġa eċċepixxa l-illeġittimità tal-persuna tiegħu u talab il-liberazzjoni, għaliex kif ġie osservat fl-imsemmija sentenza tal-1924 u 1926: "la legge nel permettere simili correzioni in qualunque tempo prima della sentenza, ha dovuto prevedere che in tale intervallo l'errore sia stato denunciato dalla parte avversa senza che per ciò solo sia inibita nei congrui casi la facoltà alla Corte di ordinare o permettere la correzione». Fl-istess sens hija d-deċiżjoni Francis Butigieg vs. Paul Laferla ne (Appell Inferjuri, 28/1/1961) 11. Fid-deċiżjoni Elisabeth Anne Calabrese vs. Ersilia Bigeni (Appell Kummerċjali, 12/12/1994) ġie osservat:*

*Id-diffikultà li ġeneralment tinħoloq fl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu taġġira dejjem madwar din il-limitazzjoni; fil-każ preżenti il-pretensjoni ta' l-appellanti illi t-tibdil ordnat mill-Qorti 'biddel, fis-sustanza l-eċċezzjoni'; Huwa ovvju li din il-limitazzjoni ma tapplikax meta l-eċċezzjoni tkun proprju tindika l-iżball li jiġi korrett – sakemm dik il-bidla ma tbiddilx is-sustanza ta' l-azzjoni. Dan huwa ovvju għaliex m'huwiex ġuridikament konformi illi bidla tista' ssir jekk, ma ssirx eċċezzjoni imma ma tistax issir, jekk tingħata l-eċċezzjoni. Il-qofol qiegħed fil-preċisazzjoni li timporta l-kelma 'fis-sustanza'. Din tindika li kull bidla li ssir trid tkun bidla ta' xi dettal ta' xi ħaġa marġinali, inċidentali, imma mhux materja ta' sustanza jew li taffettwa s-sustanza.*

*22. Tal-istess fehma kienet il-Qorti tal-Appell meta ġiet konfrontata b'sitwazzjoni simili għal dik trattata preżentement. Fid-deċiżjoni Bank of Valletta plc vs. Angela Mizzi et (Appell Superjuri, 29/3/2023) intqal hekk:*

*17. Għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx mal-aggravju tal-intimati appellanti. Għalkemm huwa minnu li l-Artikolu 787(1) tal-Kap. 12, jipprovdi li att ġudizzjarju mressaq kontra persuna li mhix kapaċi toqgħod f'kawża ma jiswiex u huwa ovvju li persuna mejta ma tistax toqgħod f'kawża, peress li l-mewt iġġib fi tmiem il-kapaċità ġuridika ta' persuna, madankollu, id-drittijiet u d-dmirijiet ta' persuna li tmut jgħaddu għal fuq il-werrieta, sabiex proċess ġuridiku interrott bil-mewt ta' persuna, jgħaddi permezz tat-trasfużjoni tal-ġudizzju għal fuq ilwerrieta. Hekk ukoll, ta' min wieħed jinnota li għalkemm l-Artikolu 789(1) jipprovdi li l-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata fost affarijiet oħra jekk in-nullità hija ddikjarata mil-liġi espressament, madankollu l-istess proviso tal-Artikolu 789 jipprovdi li l-eċċezzjoni ta' nullità ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra talliġi. Permezz ta' dan il-proviso, m'hemmx dubju li l-leġiżlatur qiegħed jagħmel referenza għall-Artikolu 175 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*23. Fl-istess sens huma wkoll id-deċiżjonijiet Franmar Limited vs. Rev. Fr. Joseph Bartolo pro et noe et (Prim'Awla, 1/12/2020) u Cranes and Commercial Sales Limited vs. Carmelo Buhagiar et (Prim'Awla, 4/2/2016).*

> *24. Peress li mill-atti l-Qorti jirriżultalha min huma l-werrieta ta' Anthony Busuttil, se tkun qed tordna b'applikazzjoni tal-artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li isem Anthony Busuttil jitneħħa mill-okkju tal-kawża u minfloku jidħlu isem il-werrieta tiegħu, u ċjoè Christopher Busuttil u Stephen Busuttil, li għandhom jiġu notifikati bir-rikors ġuramentat kif korrett.*
>
> *25. U bl-istess mod, la r-risposta ġuramentata saret f'isem Anthony Busuttil meta dan kien diġà mejjet, isegwi li dik ir-risposta ġuramentata ma tiswix sa fejn saret f'ismu. Però tiswa sa fejn saret f'isem il-konvenuti l-oħrajn indikati fuq dak l-att, billi kull konklużjoni diversa tkun biss qed twassal biex dawk il-konvenuti l-oħrajn jiġu pprivati mill-jedd tagħhom ta' smigħ xieraq minħabba żball li fil-verità ma wassal għal ebda preġudizzju fil-konfront tal-konvenuti James u Zerafa."*

45. Illi kif korrettament ġie tenut fis-sentenza supraċitata, huwa evidenti illi persuna mejta mhux kapaċi li toqgħod f'kawża.

46. Għaldaqstant il-Qorti tqis illi l-azzjoni tar-rikorrent fil-konfront ta' Margaret Zammit hija waħda nulla.

**L-eċċezzjoni preliminari imressqa mid-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd**

47. Fir-risposta ġuramentata tiegħu d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd filwaqt illi jtenni illi n-nomenklatura 'Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd' m'għadhiex teżisti billi l-materja relatata mal-agrikoltura ġiet assorbita mid-Direttur tal-Agrikoltura, jeċċepixxi illi huwa għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi l-ebda azzjoni ta' terzi ma tista' tiġi attribwita lejh.

48. Din il-Qorti tqis illi l-pern tal-kwistjoni odjerna hija ċċentrata fuq il-fatt illi skont l-attur il-firem fuq id-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat u mmarkati bħala Dok A u Dok B, ossia, d-dikjarazzjoni unilaterali u l-formula ta' reġistrazzjoni mhumiex firem tiegħu u għaldaqstant qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjarahom nulli u bla effett.

49. Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Shamison Busuttil vs Glenn Caruana***[3] fejn il-Qorti kkwotat ġurisprudenza li titratta din il-materja u ttenni kif ġej:

> *"Illi l-konvenut qajjem l-eċċezzjoni li hu m'għandux relazzjoni ġuridika mal-attur u għalhekk mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri. Illi għalhekk din il-Qorti trid tara jekk f'dawn iċ-ċirkostanzi tal-każ, teżistix din ir-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet jew le. Illi għalhekk jekk ikun il-każ li l-Qorti tiddikjara li l-konvenut mhux il-leġittimu kontradittur, allura il-Qorti ma tkunx tista' tkompli bil-każ fil-konfront tiegħu. Il-prova tal-allegat nuqqas ta' relazzjoni ġuridika tinkombi tabilħaqq fuq il-konvenut li ssolleva din l-eċċezzjoni (ara deċizzjoni Avv. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et, Qorti Ċivili, Prim'Awla, 3 t'Ottubru 2008). Jinkombi fuqhu l-oneru li jipprova għall-konvinċiment ta' din il-Qorti li huwa ma kellu ebda ness mal-causa*

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-8 ta' Jannar 2024- Rikors Numru: 290/2016

*petendi tat-talbiet imressqa fil-konfront tiegħu u allura lanqas mar-riżultat illi l-attur qiegħed ifittex illi jikseb permezz ta' din l-azzjoni. Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Avukat Antoine Naudi noe vs John Abela Limited, tat-2 ta' Ottubru 2009, qalet ukoll illi:*

*"Jibda biex jiġi kkummentat in linea preliminari illi biex soġġett imħarrek jew imsejjaħ fil-ġudizzju jitqies li hu leġittimu kontradittur, l-eżerċizzju fuq daqshekk jinneċessita aċċertament fuq il-bażi tal-petitum, ossija rriżultat persegwit fil-ġudizzju mill-attur. In partikulari, il-prinċipju jinvolvi l-eżami tar-rapport ġuridiku dedott f'dan il-ġudizzju."*

*Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għal każ ta' Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et deċiż mill-*Qorti tal-Appell *fil-5 t'Ottubru 2001 fejn intqal hekk:*

*"Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawża kinitx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kinitx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu jwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi – kif iddeċidiet korrettement f'dan il-każ - illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor jew lejn ħaddieħor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża."*

50. Illi din il-Qorti tissoleva illi d-Direttur intimat **qatt** ma kien parti mill-kawża bin-numru 908/06AF. Barra minn hekk, il-Qorti fl-ottika tal-azzjoni tal-attur u fl-ottika tat-talbiet imressqa mill-istess attur, ma tara bl-ebda mod l-involviment tad-Direttur intimat.

51. Dan għaliex b'referenza għal Dok A anness mar-rikors promutur, dan id-dokument jikkostitwixxi dikjarazzjoni unilaterali fejn id-Direttur tal-Agrikoltura ma għandu ebda involviment fih. Magħdud ma' dan, nonostante Dok B jikkostitwixxi formula ta' reġistrazzjoni maħruġa mid-Direttur ta' l-Agrikoltura u s-Sajd, din il-Qorti tosserva illi fih ma hemm ebda firma ta' xi uffiċjal tal-istess Direttorat u barra minn hekk, l-istess Direttur ma għandux ebda konnessjoni jew relazzjoni ma' dak li hemm miktub u ta' dak li hemm imniżżel fl-istess formula.

52. Illi b'hekk din il-Qorti tirrileva illi ma jeżisti l-ebda ness, l-ebda rapport ġuridiku bejn l-attur u d-Direttur intimat u dan speċjalment fil-lenti tan-natura tal-azzjoni mressqa mill-istess rikorrent. Illi d-Direttur intimat ma kellu ebda rwol fir-rigward tad-

dokumenti li qegħdin jiġu impunjati mill-attur fil-kawża in deżamina u għaldaqstant id-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

53. B'hekk it-tieni eċċezzjoni sollevata mid-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd għandha tiġi milqugħa.

54. Għalhekk, id-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju

**L-eċċezzjonijiet tar-*res judicata* sollevati mill-intimat Kevin Zammit**

55. Illi mill-qari tar-risposta ġuramentata tal-konvenut Kevin Zammit jidher b'mod ċar u manifest illi huwa qiegħed jibbaża d-difiża tiegħu fuq il-fatt illi l-azzjoni mressqa mill-attur għandha titqies bħala waħda li ġiet diġa' deċiża u għalhekk tikkostitwixxi *res judicata.*

56. Fl-ewwel lok, din il-Qorti ser tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Carmelo Cauchi et vs Rita Debono***[4], fejn il-Qorti fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-*res judicata* ssostni kif ġej:

> *"Magħdud dan, eċċezzjoni tal-ġudikat ma tinvolvi l-ebda kostituzzjoni ta' fatt iżda hi waħda ta' natura prettament ġuridika. Huwa mportanti pero', u għandu jinżamm dejjem in mira, illi l-prinċipji legali nvoluti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-ġurisprudenza stabbilita in materja, iżda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-każ taħt diskussjoni u tal-portata tad-deċiżjoni preċedenti.*
>
> …
>
> *Tajjeb li qabel kull kunsiderazzjoni oħra jiġi ribadit dak kaptat middeċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kummercjali nhar il-5 ta' Novembru, 1934 fl-ismijiet Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et, fejn ġie ritenut:*
>
> *L-'exceptio rei judicatae' ghandha bhala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll ghaliex 'interest rei publicae ut sit finis litium'. Sentenza li ghaddiet 'in giudicato', jigifieri li ma tista' tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq - 'res judicata pro veritate habetur' - jigifieri l-fundament tal-'actio' u tal-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija 'strictissimae interpretationis'.*
>
> *B'dan fermament imnissel, huwa magħruf ukoll li l-elementi taleċċezzjoni tal-ġudikat huma li s-sentenza ta' qabel kienet mogħtija f'kawża bejn l-istess persuni fuq l-istess suġġett u għall-istess kawżali - eadem personam, eadem res, eadem petendi – bħal fil-kawża l-ġdida.*
>
> *Dawn l-elementi ġew ikkonfermati bħala rekwiżiti f'sensiela kostanti ta' deċiżjonijiet tal-Qrati nostrani nkluż dik diġa' iċċitata supra mogħtija fl-ismijiet Francesca Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et fejn ġie ulterjorment ribadit li:*

[4] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)(Ġurisdizzjoni Superjuri)(Sezzjoni Ġenerali) fis-6 ta' Diċembru 2024- Rik. Numru: 40/2022

*L-elementi ta' l-eċċezzjoni tal-ġudikat huma li s-sentenza ta' qabel kienet mogħtija f'kawża bejn l-istess persuni u fuq l-istess oġġett u għall-istess kawżali (eadem personae, eadem res, eadem causa petendi) bħal fil-kawża l-ġdida, u li l-exceptio judicati għandha bħala fondament tagħha l-interess pubbliku, u hija ta' interpretazzjoni strettissima, u f'każ ta' dubju, il-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni.*

*Għandu jingħad illi dawn it-tliet elementi ossia; l-istess oġġett - eadem res, l-istess partijiet - eadem personae, u l-istess mertu - eadem causa petendi iridu jikkonkorru u, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaga hija l-istess b'dan li l-ġudikat ma jistax jissussisti - nisi omnia concurrunt, alia res est.*

*Huwa magħruf, kif joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza ivi ċċitata, li l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin, u ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza li tkun ingħatat.*

*…*

*Min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju huwa mwieżen b'dak l-ieħor daqstant għaqli li, fejn kwistjoni tkun ġiet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfermata jew, jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien li tippreskrivi l-liġi.*

*Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwistjoni li dwarha tinfetaħ it-tieni kawża, jkun diġa' jeżisti filwaqt li tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża."*

57. Illi din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistħarreġ l-eċċezzjoni tar-*res judicata* fl-ottika tal-kawża in deżamina. Jirriżulta ċar li l-istanza qed issir bejn l-istess partijiet, fl-ismijiet inversi filwaqt illi żied id-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd. Fir-rigward tad-Direttur tal-Agrikoltura, din iż-żieda f'dawn il-proċeduri kienet mossa inutli li ma tagħmel ebda differenza, anzi, kif diġa' esprimiet ruħha din l-Qorti aktar kmieni fis-sentenza tagħha, d-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. B'hekk huwa evidenti illi r-rekwiżit tal-*eadem personae* ġie sodisfatt.

58. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-identita' tal-oġġett tal-kawża, u ċioe' l-*eadem res,* din il-Qorti tosserva illi l-kawża 908/06AF kienet ġiet intavolata mill-atturi f'dik il-kawża (Kevin Zammit u Margaret Zammit) kontra l-konvenut Carmel Galea (l-attur f'din il-kawża) sabiex fost l-oħrajn il-Qorti tiddikjara illi l-konvenut qiegħed jokkupa l-art li tagħha huma s-sidien mingħajr titolu legali u dan stante kif ritenut fit-tieni premessa *"Illi l-intimat kien ħa din l-art b'titolu ta' tolleranza minn missier Kevin Zammit skond skrittura (Dok A u pjanta B)"* (fol 100)- Liema Dok A huwa l-istess Dok A tal-kawża in deżamina anness mar-rikors promutur.

59. Illi fis-sentenza appena ċitata, l-Qorti fuq dan ir-rekwiżit tal-*eadem res,* isostni illi:

*"...ġie konsistentement affermat illi hemm lok għall-eċċezzjoni tal-ġudikat anke meta l-mertu tal-każ, għalkemm distint minn dak tal-kawża ta' qabel, jifforma parti mill-istess ħaġa jekk il-punt kontrovers ikun l-istess, u li m'hemmx bżonn li l-identita' tal-oġġett tkun assoluta, basta li jkun hemm l-identita' fuq il-punt kontrovers, jew l-oġġett fit-tieni ċitazzjoni jkun jidħol bħala parti integrali tal-oġġett aktar ampju dedott fl-ewwel ċitazzjoni22 li jfisser li l-atturi ma jkunux jistgħu permezz ta' kawża oħra jiftħu t-trattazzjoni tal-istess punti fl-istess kwistjoni li gja ġew diskussi f'kawża deċiża b'sentenza li gja għaddiet f'ġudikat."*

60. Huwa evidenti illi Dok A ossia, d-dikjarazzjoni unilaterali li ġġib id-data tad-19 ta' Mejju tas-sena 1989, tifforma l-bażi u l-mertu tal-każ preċedenti: 908/06AF dan għaliex jidher bl-aktar mod lampanti illi l-atturi f'dik il-kawża kienu qegħdin jibbażaw il-kawża tagħhom fuq dak id-dokument. Illi dan l-istess dokument jifforma l-mertu tal-kawża in deżamina. Magħdud ma' dan, din il-Qorti tirrileva illi f'din l-istanza l-attur isemmi wkoll il-formula ta' reġistrazzjoni annessa mar-rikors promutur bħala Dok B, liema dokument għandu fil-fehma tal-Qorti jitqies illi huwa komplimentari għal Dok A billi fih dettalji ta' min huwa s-sid tal-art u min qiegħed jaħdem l-art. Barra minn hekk, l-istess Dok B, jifforma wkoll parti mill-atti tal-kawża 908/06AF kif jidher a fol 139 ta' dan il-proċess.

61. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi r-rekwiżit tal-*eadem res* ġie wkoll sodisfatt.

62. Fir-rigward tar-rekwiżit tal-*eadem causa petendi*, din il-Qorti fl-ewwel lok, terġa' tagħmel referenza għas-sentenza supraċitata fl-ismijiet ***Carmelo Cauchi et vs Rita Debono*** fejn rigward dan l-element, il-Qorti spjegat illi:

*"Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar is-7 ta' Marzu, 1958 fl-ismijiet Caterina Gerada vs Avukat Dr. Antonio Caruana, ġie nsenjat illi:*

*Sakemm ma jkunx hemm ebda deċiżjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx ġiet prekluża minn ebda deċiżjoni definittiva mogħtija fil-ġudizzju, l-istess kwistjoni tibqa' mhux deċiża, u ma jistax mill-parti l-oħra jingħad li għad-deċiżjoni josta l-ġudikat.*

*F'din l-istess deċiżjoni hawn l-aħħar iċċitata ssokta jiġi rilevat illi:*

*L-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tiġi ammessa b'ċirkospezzjoni kbira; u dan aktar w aktar meta dik l-eċċezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bħal meta si tratta minn inċident proċesswali li jqum fil-kors tal-ġudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjaħ ġudikat impliċitu. Biex ikun hemm lok għall-eċċezzjoni tal-ġudikat, hemm bżonn li l-kwistjoni tkun ġiet 'effettivament' deċiża bis-sentenza ta' qabel, u mhux biss li setgħet tiġi deċiża.*

...

*Dwar dan il-punt, nqalgħu għadd ta' diffikultajiet matul iż-żmien dwar it-tifsira xierqa li jmissha tingħata lill-frażi l-"istess kawżali" – eadem causa petendi u l-iżjed dwar kemm għandha titwessa' t-tifsira tal-identita' bejn dak li jkun ġie deċiż u dak li jkun qiegħed jintalab fit-tieni kawża.*

*M'huwiex għalxejn li l-liġi tipprovdi li s-sentenza għandha tkun motivata u li jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejħet id-deċiżjoni tagħha. Huwa minħabba dawk ir-raġunijiet, li wieħed jista' jifhem x'ikun wassal lill-Qorti taqta' kawża kif fil-fatt tkun qatgħetha.*

*Huwa għalhekk li jingħad li d-dispożittiv ta' sentenza m'għandux jittieħed separatament mill-motivat, imma għandu jiġi minn dan definit u spjegat.*

*Dan it-tagħlim ġie mfisser u mtenni b'mod ċar ħafna fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Mejju 1967 fl-ismijiet Grima vs Fava et li għaliha u r-rassenja ta' ġurisprudenza msemmija fiha ssir riferenza ampja."*

63. Illi b'referenza għas-sentenza imsemmija minn dik il-Qorti fis-sentenza tagħha, u ċioe' ***Grima vs Fava et***, din il-Qorti tirrileva illi fis-sentenza Giovanni Grima vs Victor Fava et il-Qorti tal-Appell għamlet referenza għall-ġurisprudenza u qalet illi:

*"Biex dikjarazzjoni tkun konklusiva jew obbligatorja ma tridx tkun merament raġunament jew sempliċi motiv iżda vera soluzzjoni ta' kwistjoni trattata fis-sentenza li tirrappreżenta l-konklużjoni finali tal-Qorti fuq il-kwistjoni. Dak li hu importanti huwa li s-soluzzjoni jew konklużjoni tkun inkluża fis-sentenza u ma jimpurtax f'liema parti tagħha."*

64. Din il-Qorti tinnota illi l-attur Carmel Galea fil-kawża bin-numru 908/06AF fir-risposta ġuramentata tiegħu kien ressaq din l-eċċezzjoni:

*"Illi fit-tieni lok huwa jiċħad li qatt iffirma d-dikjarazzjoni unilaterali datata 19 ta' Mejju 1989 u dan kif ser jiġi ppruvat fil-kors ta' din il-kawża"*

(fol 107)

65. Għaldaqstant, dik l-eċċezzjoni mressqa mill-attur fil-kawża preċedenti hija l-pern tal-kwistjoni odjerna. Illi fil-kawża in deżamina, l-attur ukoll qiegħed jiċħad illi huwa ffirma d-dikjarazzjoni unilaterali u jerġa' jtenni dak li kien issolleva fil-kawża preċedenti u ċioe: *"Illi b'referenza għal Dok A, jiġi rilevat illi, apparti l-fatt illi r-rikorrenti jissottometti illi huwa qatt ma ffirma għal dik id-dikjarazzjoni unilaterali hekk kif preżentata, din l-istess dikjarazzjoni anqas biss tirreferi għal l-art li jipposjedi hu, iżda għall-biċċa art oħra li magħha r-rikorrenti ma għandu l-ebda konnessjoni"* (fol 1-2).

66. Illi din il-Qorti, kif diversament presjeduta, li quddiema kienet qiegħda tinstema' l-kawża 908/06 fis-sentenza tagħha tgħid illi:

*"Finalment ir-rikorrenti ppreżentaw kopja awtentikata ta' dokument (ara fol. 4) li permezz tiegħu Carmel Galea ddikjara li ser jaħdem ir-raba bla titolu. Huwa ntrabat ukoll li jħallas penali ta' Lm3 kuljum jekk jonqos milli jirritorna l-proprjetà malli jiġi mitlub. Carmel Galea jiċħad li qatt iffirma dan id-dokument. Il-firma mad-daqqa t'għajn tidher identika għal dik fuq il-formola mimlija mill-istess Carmel Galea fid-Dipartiment tal-Agrikoltura. Carmel Galea qatt ma talba perizja kalligrafa fir-rigward. Inoltre, Ivor*

*Zammit, hu r-rikorrenti, jikkonferma bil-ġurament illi kien preżenti meta ġiet iffirmata d-dikjarazzjoni. Kien fil-fatt irrediġa d-dikjarazzjoni huwa stess (ara fol. 15)".*

(fol 281)

67. Illi b'hekk huwa evidenti illi l-kwistjoni tal-firma li hija l-bażi tal-azzjoni odjerna u li ġiet imressqa wkoll fil-kawża preċedenti *per via* ta' eċċezzjoni, kienet kwistjoni trattata, u deċiża u in vista lis-sentenza ġiet appellata u kkonfermata fl-appell, din għandha titqies bħala kwistjoni, bħala punt, li għadda in ġudikat.

68. Magħdud ma' dan, din il-Qorti tosserva wkoll illi l-aggravji mressqa mill-attur Carmel Galea meta huwa appella mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fil-kawża 908/06 kienu tnejn: illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi meta laqgħet bis-sħiħ il-konklużjonijiet tal-perit tekniku maħtur minnha; u t-tieni, li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li l-appellant ma kellux jedd fuq ir-raba' minkejja ż-żmien li kien ilu jaħdmu.

69. Illi in oltre, din il-Qorti tirrileva illi ma kien hemm xejn milli jwaqqaf lill-attur li jitlob perizja kalligrafa f'dik is-sentenza ladarba huwa tramite anke l-eċċezzjoni tiegħu ċaħad illi l-firma fuq dik id-dikjarazzjoni unilaterali hija tiegħu. Illi in oltre, din l-istess Qorti tinnota illi l-Ewwel Qorti fil-kawża 908/06 waslet għal dik il-konklużjoni billi mhux biss għamlet komparazzjoni bejn il-firma tal-attur fuq id-dikjarazzjoni unilaterali u l-firma tal-attur fuq il-formula ta' reġistrazzjoni mad-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd, liema firem jidher li kienu sar fl-istess żminijiet, iżda wkoll billi ħadet konjizzjoni tal-provi miġjuba, senjatament ix-xhieda ta' Ivor Zammit.

70. Għal dak li għandu x'jaqsam mad-dokument l-ieħor, u ċioe' l-formula ta' reġistrazzjoni annessa mar-rikors promutur bħala Dok B, din il-Qorti tosserva illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza mogħtija fil-kawża 908/06 tipprovdi illi:

*"Victor Vella, uffiċċjal inkarigat fl-uffiċċju tar-reġistrazzjoni tal-bdiewa jikkonferma illi Carmel Galea kien ġie reġistrat bħala bidwi li jaħdem l-art in kwistjoni fil-25 ta' Marzu 1991. Dan sar fuq talba tal-istess bidwi li kien iddikkjara lil sid ir-raba bħala John Zammit. Ma' din it-talba għar-reġistrazzjoni Carmel Galea kien ippreżenta formola tal-kunsens li tidher li hi ffirmata minn John Zammit (ara fol. 37 et seq.).*

...

*Id-dikjarazzjoni ffirmata tikkonferma preċiżament dan l-istat prekarju. Oltre dan, fid-dokument minnu ffirmat fid-Dipartiment tal-Agrikoltura, huwa jirrikonoxxi bħala sid tar-raba lil John Zammit".*

(fol 281 u fol 282)

71. Illi fis-sentenza mogħtija fi grad ta' appell, il-Qorti tal-Appell tgħid is-segwenti:

*"Din il-Qorti tagħti importanza lill-fatt li, wara li l-appellant daħal fuq il-kitba ma' John Żammit missier l-appellat , irreġistra l-imsemmi raba' fuq ismu bħala 'gabillot' mad-Dipartiment tal-Biedja u Sajd, u dan bil-kunsens*

*tal-istess sid. Tqis li l-firem fuq iż-żewġ dokumenti huma l-istess minkejja li l-appellant jiċħad li jaf bl-ewwel kitba.*

...

*Illi minn dak li joħroġ mill-kostatazzjonijiet proċesswali jirriżulta li l-pussess muri fl-appellant huwa wieħed ekwivoku għall-aħħar. Filwaqt li l-appellant jgħid li huwa kien jaħdem ir-raba daqslikieku kien is-sid tagħha, għaliex dejjem ħaseb li sidha kien Toni Zahra, min-naħa l-oħra, fl-1991, mad-Dipartiment tal-Biedja u Sajd, għoġbu jirreġistra lilu nnifsu bħala 'gabillott' u s-sid ġie identifikat bħala John Żammit, missier l-appellat. Iżda, fuq kollox, il-Qorti ssib li l-kitba li saret f'Mejju tal-1989 ixxejjen għal kollox il-pretensjoni ta' titolu fuq l-imsemmija art min-naħa tal-appellant għaliex biha jagħraf espressament li huwa kien qiegħed iżomm ir-raba b'sempliċi tolleranza."*

(fol 95 u fol 97 et seq)

72. B'hekk jidher illi l-Qrati fil-kawża preċedenti kienu ħadu konjizzjoni taż-żewġ dokumenti li jiffurmaw il-fulkru tal-kawża in deżamina.

73. Illi in vista ta' dan kollu delineat hawn fuq, din il-Qorti tqis illi r-rekwiżit tal-*eadem causa petendi* ġie sodisfatt ukoll. Għaldaqstant, l-Qorti tosserva illi t-talbiet tar-rikorrent ma jistgħux jiġi milqugħa stante il-vertenza kienet diġa' determinata fil-kawża preċedenti bin-numru ta' referenza 908/06AF u b'hekk għandha tiġi meqjusa illi hija *res judicata*.

**Konsiderazzjonijiet ulterjuri**

74. Illi stabbilit dan, din il-Qorti tgħaddi sabiex tissolleva aspetti oħra li fil-fehma tal-Qorti huma importanti u għalhekk sejra tissinjalahom.

75. Referenza ser issir għall-verbal tal-25 ta' April 2023 u għall-kopja tal-karta tal-identita' tal-attur eżebita mill-istess rikorrent dakinhar stess.

76. Illi f'dik is-seduta din il-Qorti nnuttat kif il-firma tal-attur fuq il-karta tal-identita' hija ċar kristallin differenti minn dik fuq Dok A u Dok B annessi mar-rikors promutur. Infatti, tant hija evidenti d-differenza, li anqas kien hemm il-ħtieġa illi jiġi maħtur espert kalligrafu għaliex din il-Qorti setgħet tikkonstata hija stess id-differenza lampanti. Di fatti, kif jirriżulta mill-atti t-talba għall-ħatra tal-espert tal-kalligrafija ġiet miċħuda u dan proprju għalhekk.

77. Madanakollu, din il-Qorti tqis illi din in-notevoli differenza, ma tistax u m'għandhiex titqies bħala prova fiha nnifisha illi l-firem fuq Dok A u Dok B mhumiex dawk tal-attur. Dan għaliex, li kien importanti u li f'din il-kawża żgur ma nġabitx bħala prova, kien, kif l-attur kien jiffirma fis-sena 1989 u fis-sena 1991. Il-firma tar-rikorrent fuq il-karta tal-identita' tiegħu mhijiex indikattiva ta' kif jiffirma fl-1989 u fl-1991.

78. Barra minn hekk, din il-Qorti tħoss illi m'għandiex tinjora wkoll ix-xhieda mogħtija mill-attur fil-kawża 908/06AF fejn meta kien qed jixhed in kontro-eżami, l-istess attur jgħid is-segwenti:

> *"Qed niġi muri dokument datat 25 ta' Marzu 1991 esibit fl-atti, maħruġ mid-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd li jindika li l-għalqa in kwistjoni hija mqabbli lil Carmel Galea, liema dokument hu ffirmat minn Carmel Galea qed niġi mistoqsi jekk dik hijiex il-firma tiegħi w* ***ngħid li dan hu dokument li ffirmajt jien fl-Għammieri pero' barra minn dan jien iffirmajt ħafna aktar karti. Meta ffirmajt dan id-dokument kont waħdi***[5] *w mhux mas-Sur Zammit, lanqas biss naf min hu".*
>
> ...
>
> ***Qed niġi muri Dok A***[6] ***annesss mar-rikors u qed niġi mistoqsi ngħarafx il-firma tiegħi u ngħid li la nikkonferma w lanqas niċħad li dik hija l-firma tiegħi***[7] *għaliex il-kontenut ta' l-iskrittura ma jirriflettix il-verita' dwar l-għalqa li għandi jien".*
>
> (fol 213 u fol 214)

79. Għaldaqstant, din il-Qorti tinnota illi kieku ma ġietx sollevata l-kwistjoni tar-*res judicata*, l-azzjoni tar-rikorrent xorta kienet tfalli dan għaliex fix-xhieda hawn fuq riprodotta l-attur qed jammetti illi huwa ffirma l-formula ta' reġistrazzjoni mad-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd, u ċioe' Dok B anness mar-rikors promutur li jġib id-data tal-25 ta' Marzu 1991. B'hekk loġikament ġjaladarba, skont kif ammess mill-istess attur, il-firma fuq Dok B hija tiegħu u ġjaldarba l-firma fuq Dok B hija l-istess bħal dik fuq Dok A, allura t-talbiet tiegħu huma infondati. Dan kollu jkompli jikkonferma dak li ġustament għarrfet din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża preċedenti 908/06AF fejn meta għamlet komparazzjoni taż-żewġ firem, innotat li *"l-firma mad-daqqa t'għajn tidher identika għal dik fuq il-formola mimlija mill-istess Carmel Galea fid-Dipartiment tal-Agrikoltura".*

80. Il-Qorti tirrileva wkoll illi l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jsostni illi l-ġenwinita' o meno ta' dawn l-iskritturi ma setgħetx tiġi determinata fil-proċeduri numru 908/06AF għaliex l-attur kien konvenut f'dawk il-proċeduri u n-nullita' ta' skrittura tista' tiġi sollevata b'eċċezzjoni u mhux l-annullabilita' tagħha stante illi din tal-aħħar tirrikjedi li ssir azzjoni *ad hoc*.

81. Din il-Qorti tinnota illi kif diġa' imsemmi aktar 'il fuq, l-attur fil-proċeduri 908/06AF kien ressaq eċċezzjoni fejn ċaħad illi l-firma fuq id-dikjarazzjoni unilaterali hija tiegħu. Illi dan id-dokument kien id-dokument illi fuqu l-konvenut Keith Zammit flimkien ma' Margaret Zammit, *qua* atturi f'dik il-kawża, kienu jsejsu l-azzjoni tagħhom. Għaldaqstant, din il-Qorti tħoss illi ma kien hemm xejn li jimpedixxi lill-attur sabiex flimkien mar-risposta ġuramentata tiegħu jippreżenta wkoll kontro-talba fejn jitlob li dik l-iskrittura tiġi dikjarata nulla u bla effett. Ma kien hemm xejn li jostakola lir-rikorrent milli jqajjem eċċezzjoni ta' falsifikazzjoni għaliex fl-aħħar mill-aħħar dak li

[5] Enfażi ta' din il-Qorti
[6] Dok A hija d-dikjarazzjoni unilaterali datata 19 ta' Mejju 1989
[7] Enfażi ta' din il-Qorti

r-rikorrent qiegħed jagħmel f'din l-istanza hija proprju illi jgħid u jsostni illi l-firem fuq id-dokumenti in deżamina mhumiex tiegħu, b'hekk li huma dokumenti foloz.

82. Illi b'hekk, fl-ottika u għar-raġunijiet kollha hawn fuq delineati u spjegati, t-talbiet tal-attur għandhom jiġi miċħuda.

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni** tad-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u għalhekk **tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju** filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-eċċezzjonijiet mressqa minnu;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat Kevin Zammit;** u ghalhekk

**Tiċħad it-talbiet kollha tal-attur.**

**Spejjeż** ta' l-intimati kollha tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu kollha a karigu tal-attur.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**